# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Hamis erbghatax (14) ta' Lulju 2016**

**Rikors Numru 135/15 FDP**

**Golden Harvest Mfg Co Ltd**
**(C 176)**

**vs**

**Adam u Tracey konjugi Cuschieri**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fl-4 ta' Mejju 2015 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimati ihallsuha s-somma ta' tlett elef, tmien mija u erbgha u sebghin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€3,874.74) rappresentanti s-somma ta' diversi pagamenti maghmulha mis-socjeta rikorrenti lill-ARMS Ltd ghas-servizz tad-dawl u ta' l-ilma moghti fil-fond maghruf bhala Anthony Garage, Triq Reid, Gzira u fil-fond maghruf bhala Golden Harvest Store, Nru 1, Triq Nazju Ellul, Gzira, u dan ghall-periodu illi intom kellkhom pussess ta' l-istess zewgt fondi.

Rat ir-risposta ta' l-intimati ippresentata fit 18 ta' Gunju 2015 fejn saqhu, l-ewwel u qabel kollox, illi jrid jigi ppruvat li tali kontjiet tad-dawl u ilma thallsu filwaqt illi insistew illi tali kontijiet kellhom jigu pacjuti bi spejjez minnhom inkorsi ta' amiljorament fil-fond. Apparti minn hekk, l-intimati sahqu illi, ghal wiehed mill-fondi, huma qatt ma uzawh u ghalhekk ma ghandhomx ihallsu l-kontijiet tieghu.

Semghet ix-xhieda ta' **Mark Aquilina**, rappresentant tas-socjeta rikorrenti, moghtija fit 22 ta' Ottubru 2015 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fit 22 ta' Ottubru 2015 is-socjeta rikorrenti dikjarat illi ma ghandhie aktar provi x'tippresenta.

Semghet ix-xhieda ta' **Adam Cuschieri** moghtija fis 26 ta' Novembru 2015 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Tracy Cuschieri** moghtija fis 26 ta' Novembru 2015.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Mark Aquilina moghtija fis 7 ta' April 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Adam Cuschieri moghtija fid 19 ta' Mejju 2016.

Rat illi fid 19 ta' Mejju 2016 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktyar provi x'jippresentaw.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fl-4 ta' Lulju 2016, wara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi s-socjeta rikorrenti hija sid ta' zewgt fondi li jinsabu fl-istess blokk, wiehed li kien hanut bl-isem Golden Harvest Store bl-indiriz 1, Triq Nazju Ellul, Gzira u iehor store bl-isem ta' Anthony Garage fl-indirizz, Triq Reid, Gzira, liema store kien ftit bibien 'l fuq mill-hanut fuq imsemmi.

Jirrizulta illi, ghal habta tas-sena 1995, is-socjeta rikorrenti kienet ftehmet ma' l-intimati, illi dak iz-zmien kienu qed jiehdu hsieb hanut iehor tal-Golden Harvest illi kien gewwa Tas-Sliema, sabiex listess intimati jibdew imexxu il-hanut gewwa il-Gzira fl-indirizz fuq imsemmi.

Jirrizulta illi l-ftehim originalment kien illi l-intimat ma jhallsu ebda kera tal-hanut, ibieghu biss prodotti li kienu jipprvdulhom is-socjeta rikorrenti, illi dak iz-zmien kellha l-fabbrika taghha biswit dana il-hanut stess, u l-kontijiet tad-dawl u ilma kienu jinqasmu bejn il-partijiet filwaqt illi l-intimati jdahhlu bhala profitt il-qliegh tal-bejgh tal-prodotti wara illi jhallsuhom lis-socjeta rikorrenti bil-prezz tal-hanut.

Jirrizulta illi, sussegwentement, mument minnhom, meta il-kontijiet tad-dawl u ilma inbidlu u bdew jizdiedu, l-ftehim inbidel u s-socjeta rikorrenti qalu lill-intimati sabiex il-kontijiet tad-dawl u ilma jibdew jithallsu direttament mill-intimati, u hekk beda jigri.

Jirrizulta illi, nelfrattemp, is-socjeta rikorrenti harget il-fabbrika taghha minn gewwa l-Gzira u l-kumpless kollu, li tieghu l-hanut jifforma parti, ma baqghax jintuza u ghalhekk taw access lill-intimati ghal garage li fih kien hemm il-meter tad-dawl tal-fabbrika.

Jirrizulta illi, fis-sena 2012, is-socjeta rikorrenti qalu lill-intimati illi kellu jsir 'refurbishment' tal-hanut u, bi ftehim bejiethom, il-partijiet kellhom jaqsmu l-ispejjez bejniethom.

Jirrizulta illi dana ix-xoghol dam ghaddej ghal madwar gimghatejn u kien jinvolvi kemm xoghol strutturali kif ukoll xoghol ta' madum gdid u ta' 'fixtures and fittings' godda ghall-hanut, inklu fridges u freezers.

Jirrizulta, izda, illi, eventwalment l-intimati riedu jitilqu l-hanut peress illi riedu jiehu opportunita ohra u ghalhekk hadu l-oggetti illi setghu izarmaw mill-hanut u raddew lura c-cwievet lis-socjeta rikorrenti filwaqt illi s-socjeta rikorrenti kitbet ittra ta' rikommendazzjoni favur l-intimat Adam Cuschieri fl-24 ta' Gunju 2014.

Jirrizulta, madanakollu, illi minkejja illi s-socjeta rikorrenti ghamlet tali ittra ta' rakkomdazzjoni, xorta kellhom pendenza bejniethom, peress illi s-socjeta rikorrenti kienet qed titlob lill-intimati sabiex ihallsu ghad-dawl u ilma tal-hanut u tal-garage ftit aktar il-fuq, filwaqt illi l-intimati kienu qed jinsistu illi ma kellhom ihallsu xejn tal-garage peress illi qatt ma uzawh u kien fil-pussess taghhom unikament sabiex jinqara il-meter tad-dawl u ilma filwaqt illi dwar il-hanut, dawna l-kontijiet kienu pacjuti b-ispejjez illi huma kienu ghamlu fil-hanut meta sar ir-'refurbishment'.

Ghalhekk eventwalment saret il-kawza.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ma tistax ma tosservax, l-ewwel u qabel kollox, illi ma hemm assolutament xejn bil-mitub dwar kwalsiasi ftehim illi sar bejn is-socjeta rikorrenti u l-intimati, u dana jirrigwarda kemm dwar l-uzu tal-hanut kif ukoll tal-garage, kif ukoll ghal dak li jirriwarda l-hlasijiet illi kellhom isiru u ir-refurbishment li kellu jsir. Ghalhekk il-Qorti ser ikollha tistrieh unikament fuq ix-xhieda prodotta verbalment quddiemha u xi ftit dokumenti pprovduti mis-socjeta rikorrenti.

Jirrizulta ippruvat illi s-socjeta rikorrenti ghamlet xoghol ta' ristrutturar fil-hanut li kienu jiggestixxu l-intimati, u dana gie korroborat minn dokumentazzjoni.

Mill-banda l-ohra, ghalkemm l-intimati jghidu illi ghamlu hafna spejjez fil-hanut, ma kienu f'ebda posizzjoni illi jikkorroboraw tali asserzjoni b'dokumentazzjoni, ghalkemm kellu jkun facili illi jipprovdu dokument ta' l-affarjiet illi huma allegatament xtraw, u jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi huma hadu kull ma setghu jiehdu mill-hanut meta telqu minn hemm.

Ghalhekk, il-Qorti ma tistax taccetta, bhala argument tal-intimati, illi l-kont tad-dawl u ilma tal-hanut kellu jigi pacjut ma spejjez illi l-istess intimati ghamlu meta ma kienu f'edba posizzjoni jindikaw x'kienu l-ispejjez taghhom.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tosserva illi l-intimati jikkontendu illi l-garage huma attwalment qatt ma uzawh ghax kien zghir u ma kellhomx bzonn store, u di fatti inghataw ic-cwievet unikament sabiex ikun jista jinqara il-meter tad-dawl u ilma, peress illi dana kien l-uniku meter li jservi l-fabbrika kollha.

Il-Qorti tirrileva illi, ghal darba ohra, ma hemm assolutament xejn bil-mitkub bejn il-partijiet izda jirrizulta illi dana il-fond kien qieghed jintuza mill-intimati, peress illi jidher illi fuq tali garage kien hemm kont tad-dawl u ilma ta' aktar minn €1,200 u ma tantx jidher illi l-intimati kienu qed jifthu l-garage sabiex jinqara il-meter, peress illi jidher illi l-kontijiet kollha minn fol 17 sa fol 25, li jirrigwarda tali fond, salv kont wiehed, kienu kollha 'estimates' u mhux 'actual', sinjal illi dana ma infetah minn hadd meta mar il-'meter reader'.

Ghalhekk, il-Qorti tifhem illi dana il-garage kien qieghed jintuza mill-intimati wkoll, u ghalhekk il-kont tad-dawl u ilma relatat ma' tali fond ghandu jithallas ukoll.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi semghet ix-xhieda prodotta u rat id-dokumentazzjoni quddiemha imressqa,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimati

**Tilqa** t-talbiet attrici kif dedotti, u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimati insolidum bejniethom ihallsu lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tlett elef, tmien mija u erbgha u sebghin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€3,874.74) rappresentanti s-somma ta' diversi pagamenti maghmulha mis-socjeta rikorrenti lill-ARMS Ltd ghas-servizz tad-dawl u ta' l-ilma moghti fil-fond maghruf bhala Anthony Garage, Triq Reid, Gzira u fil-fond maghruf bhala Golden Harvest Store, Nru 1, Triq Nazju Ellul, Gzira.

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu a kariku ta' l-intimati u imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati in solidum bejniethom.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur